# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 955

KAZ NRU. 827

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Horst P. Becker

u

Almar Restaurant

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 17 ta' Lulju, 1998

**Chairman : Is-Sur Albert J. Tabone**

1. Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 25 ta' Jannar 1994 b'riferenza ME/2/94/8 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Originarjament il-kaz instema' mis-sur Tonio Portughese li zamm hames (5) seduti, l-ahhar wahda fis-27 ta' Mejju 1996. Ghall-ewwel u ghat-tielet seduta deher biss l-appellant.

3. Fi Frar 1997 il-kaz gie assenjat lic-Chairman odjern li ffissa s-sitt seduta ghall-4 ta' Marzu 1997. Fuq talba tal-kumpanija appellata l-imsemmija seduta giet posposta ghas-17 ta' Marzu. Dakinhar ma deherx l-appellant. Il-kaz

gie aggornat ghall-24 ta' Marzu u l-appellant, permezz ta' ittra datata 18 ta' Marzu 1997 gie intimat li jekk ma jidhirx it-Tribunal jikkunsidra li hu abbanduna l-kaz. Fil-21 ta' Marzu l-mara tas-sur Horst P. Becker gharrfet lit-Tribunal li zewgha kien imsiefer.

4. Fit-18 ta' April 1997 deher rapport fil-gażżetta "The Times" li Horst P. Becker "has been missing since the middle of last month". Inzamm kuntatt mal-mara ta' Becker mis-segretarju tat-Tribunal ghal xi zmien minghajr rizultat dwar x'gara minn Becker. Fit-12 ta' Mejju 1998 intbghatet ittra registrata u bil-"pink card" fl-ahhar indirizz maghruf ta' Becker. Fl-ittra gie mitlub jgharraf it-Tribunal ser jaghmel u li jekk ma jwiegibx fi zmien xahar, it-Tribunal jikkonkludi li m'ghadux interessat fil-kaz. Din l-ittra tregghet lura mill-Posta fl-14 ta' Mejju, 1998 endorsjata "moved".

5. Fid-dawl tal-avvenimenti elenkati, t-Tribunal jikkunsidra li s-sur Horst P. Becker jew mhux f'qaghda jew m'ghadux interessat li jkompli jipprosegwi l-kaz u ghalhekk jikkonkludi li l-appellant abbanduna l-kaz li kien beda' f'Jannar 1994 kontra l-Almar Restaurant.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

---

**Albert J. Tabone**
**CHAIRMAN**

---

**Edwin Spiteri**
**A/SEGRETARJU**

mrg